# KOTBA LI WASLULNA

Saydon Dun P.P.—*Il Kotba ta' Samwel.* Dan hu t-tmien Ktieb fost il-ġabra tal-*Kotba Mqaddsa bil-Malti* maqlubin mil-Lhudi u mfissra minnu. Żewġ kotba f'wieħed.

"Dawn iż-żewġ kotba," kif igħid il-kittieb, "li għall-ewwel kienu ktieb wieħed, fil-lhudi jisimhom *Il-kotba ta' Samwel*, għax biċċa kbira mill-ewwel wieħed titħaddet fuq Samwel, imħallef fi Israël. Iżda fil-latin jisimhom *Il-kotba* (l-ewwel u t-tieni) *tas-Slaten* għax isemmu l-ġrajja tal-bidu tas-saltna ta' Israel. Sa żmien Samwel l-Israelin kienu taħt il-ħakma tal-Imħallfin (ara *Ktieb l-Imħallfin* 1) Samwel kien l-aħħar imħallef. Fi xjuħitu l-Israëlin riedu li jkollhom sultan bħal ġnus oħra, u Samwel, imdawwal minn Alla, għażlilhom lil Sawl bħala sultan. Sawl ma mexiex mal-kelma ta' Alla, u Alla neħħa s-saltna min-nisel ta' Sawl u taha lil David u lil nislu. David mela kien il-bidu li minnu tnisslu s-slaten kollha ta' Israël sal-Messija, l-aħħar wieħed, li kabbar u wassal is-Saltna, li hi l-Knisja, mad-dinja kollha. Għalhekk nistgħu ngħidu li l-ewwel ktieb jurina t-thejjija tas-saltna ta' David, it-tieni jurina t-twettiq tas-saltna."

Dan il-ktieb fih 94 faċċata stampat mill-aħjar fl-Empire Press bħall-bkija tal-kotba l-oħra u ssibu tixtruh b'1/3 minn għand Sciortino tal-Kotba.

A. M. Galea *Hajja tal-Beata Marija Eufrasja Pelletier* 16 p. Empire Press.

A. M. Galea *Tagħlim ta' Gesù meħud mill-Vangelu* No. 1 u 2 *Stamperija tas-Salesjani.*

A. Cremona *The Letters W and J in Maltese* 14. p. Empire Press.

———